

## Sempliċiment Popolarità?

### San Ġorġ Martri f'għajdut il-Maltin u l-Għawdxin

*Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.*

Matul is-sena liturġika, Ommna l-Knisja Mqaddsa, kif xieraq tfakkar bosta "festi" ta' Kristu, Ommna Marija, San Ġużepp, l-Appostli, il-Martri, l-Anġli u bosta qaddisin oħra, bit-tama li aħna, l-insara li bħalissa qed interrqu l-vjaġġ tagħna fuq din l-art, ikollna lil min nimitaw. Il-kelma festi poġġejtha fil-virgoletti għaliex din il-kelma drajna nużawha f'sens wiesa', għax hemm diversi gradi ta' festi, fosthom is-solennità u t-tifkira, bis-solennità tkun l-akbar mod kif il-knisja tiċċelebra dik il-festa partikolari. Imma lil hinn mil-liturġija, hemm bosta "festi" li huma tal-istess grad, u f'pajjiżna kisbu popolarità ikbar minn oħrajn. M'iniex se nsemmi l-festi tal-Milied u l-Għid għax tiġi ovvja, imma kemm hawn min, lil hinn miż-Żurrieq u ż-Żejtun, illi ma jafx li d-data tal-25 ta' Novembru hija t-tifkira ta' Santa Katarina? Kemm hawn min, lil hinn minn Ħal Qormi u r-Rabat Għawdex, illi ma jafx li d-data tat-23 t'April hija Jum San Ġorġ? Differenza minn xi postijiet partikolari, illi mingħajr ma nsemmihom ħalli ma nweġġa' lil ħadd, issib min lanqas jaf meta hija l-festa tiegħu, aħseb u ara kemm jiċċelebraha jew hija popolari f'imkejjen imbiegħda! Din il-popolarità madwar il-qaddis tagħna wasslet sabiex jinbnew tradizzjonijiet u għajdut mill-antenati tagħna, tradizzjonijiet u għajdut li saru idjomi u qwiel, uħud minnhom b'tifsira li tista' titwemmen għax ġeneralment jiġri hekk. Kos, l-antenati tagħna qatt ma marru f'universitajiet, imma ggradwaw mill-università tal-ħajja; qatt ma studjaw



**_Il-Kappella ta' San Ġorġ Martri fil-Wardija._**

*ikompli f'paġna 108*

għal għalliema imma laħqu l-aqwa għalliema li għadna niftakru x'kienu jemmnu, tant illi dawn il-qaddisin popolari aktar minn oħrajn intgħaġnu intrinsikament mal-ħajja kulturali u folkloristika Maltija. F'dawn il-ftit paragrafi se nelenka xi għajdut illi forsi m'għadux popolari daqskemm kien, għax naturalment iż-żmien inessi u jbiddel, imma lkoll juruna kemm San Ġorġ huwa marbut mal-folklor u t-twemmin tagħna l-Maltin.

### It-23 t'April

M'iniex se nistaqsi lill-Qriema fiex tfakkarhom dik il-ġurnata... naħseb bosta minnhom diġà kkalkulaw meta se jaħbat it-23 t'April 2016 ħalli jibbukkjaw il-*leave*, għalkemm se jaħbat is-Sibt. Ħafna mill-għajdut fuq San Ġorġ huwa marbut ma' dan il-jum partikolari, naturalment għax dan huwa l-jum li fih ikun iċċelebrat universalment u mhux fl-aħħar Ħadd ta' Ġunju. Tajjeb ukoll li nżommu f'moħħna li għalkemm il-kult ta' San Ġorġ huwa mifrux ma' Malta u Għawdex kollha, bosta mill-għajdut huwa marbut mal-lokalitajiet ta' Ħal Qormi f'Malta u r-Rabat t'Għawdex.

### Qriema u Żebbuġin

Bħala dilettant tal-festi nara rabta bejn kif jiċċelebraw il-Qriema u ż-Żebbuġin. It-tnejn jagħmlu festi kbar lill-qaddisin patruni tagħhom, it-tnejn għandhom knisja ġojjell fl-arkitettura, it-tnejn huma marbuta maċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, u nistgħu nkomplu sejrin hekk. Ta' min insemmu li meta wieħed jikkompeti fuq l-istess livell, dejjem jiltaqa' ma' xi tip ta' rivalità. Jekk naraw dak li hemm illum bejn il-Qriema Ġorġjani u dawk Bastjaniżi, nistgħu nifhmu kemm qabel twaqqfet il-parroċċa Bastjaniża, il-Qriema u ż-Żebbuġin kienu mqabbdin flimkien. Illum differenti ħafna. Biss, biss, il-lirika tal-innu popolari "Fjur ta' Martri" hija tal-poeta nazzjonali Żebbuġi Dun Karm Psaila u f'Jum il-Festa Titulari, fi ħruġ il-purċissjoni, Ġorġi Tagħna jsib banda Żebbuġija tilqgħu, il-Banda "12th May". Rivalità oħra fejn tidħol il-festa Ġorġjana niltaqgħu magħha fir-Rabat, Għawdex bil-kompetizzjoni bejn tal-Istilla u tal-Iljun. Xhieda ta' din ir-rivalità nsibu l-għajdut illi sa minn ċkuniti, għalkemm mingħajr l-ebda rabta ma' Ħal Qormi, kont nisma': *Viva San Filep la x-xitan irid hekk!* Jingħad illi kull meta xi Żebbuġin kienu jaqbdu xi wieħed Qormi, kienu jsawtuh sakemm jgħid "Viva San Filep". It-tradizzjoni tgħid illi darba niżżlu wieħed ġo bir tant kemm ma riedx ipaxxihom, u dan il-Ġorġjan, imsejken, kien biss meta heddewh li jitilqu l-ħabel u jħalluh imut mgħarraq illi kkuntentahom, imma xorta mal-frażi *Viva San Filep* żied *la x-xitan irid hekk*. Muscat Azzopardi, fil-ktieb *Kif Ngħiduha* (1975) jisħaq illi l-Qriema kienu jagħmlu l-istess ħaġa liż-Żebbuġin sakemm jgħidu *Viva San Ġorġ*!

**L-Ewwel Passa tal-Gamiem**

Ma rridx illi taħsbu li se nidħol f'xi polemika, imma se nitħaddet dwar l-istorja. San Ġorġ, mingħajr qatt ma kkampanja favur jew kontra sab postu wkoll fil-passa tal-gamiem tar-rebbiegħa. Wieħed minn dawn il-proverbji jgħid *San Ġorġ imsaħħab kullimkien bil-gamiem u s-summien.* Għalkemm il-gamiem u s-summien illum narawhom inqas, qabel kien jgħaddi sħab miksi bil-gamiem. Madankollu, għaliex iddaħħal San Ġorġ? Hemm festi ta' qaddisin oħra viċin it-23 t'April, madankollu missirijietna ma' San Ġorġ intrabtu biex mal-jum tiegħu jorbtu l-kaċċa tal-gamiem. Mhux hekk biss, imma f'dak iż-żmien kienu jistennew l-ewwel passa tal-gamiem: *f'San Ġorġ l-ewwel passa tal-gamiem.* B'kollox huma tlieta l-festi li magħhom intrabtet il-passa tal-gamiem. Minbarra l-ewwel passa f'San Ġorġ, it-tieni passa tkun mistennija qrib it-3 ta' Mejju li taħbat il-festa ta' Santu Kruċ, filwaqt illi t-tielet passa hija mistennija għall-ħabta tat-12 ta' Mejju, il-festa ta' San Filippu t'Aġira. Imma x'inhi din il-popolarità f'għajdut il-Maltin u l-Għawdxin madwar dan il-qaddis tagħna?

**Ix-Xita**

San Ġorġ huwa marbut ukoll mal-maltemp u x-xita. Il-folklorista Patri Manwel Magri fil-ktieb *Xi Jgħid il-Malti* jitkellem dwar il-proverbju *ix-Xita ta' San Ġorġ megħuda.* Dan juri li x-xita nhar San Ġorġ b'xi mod jew ieħor dejjem trid tagħmel. Din ix-xita, missirijietna kienu jifirħu biha, għax b'hekk il-bdiewa ma kinux jużaw l-ilma tal-bir sabiex ixarrbu l-qiegħa. Il-festa ta' San Ġorġ mhijiex l-unika festa li hi marbuta mal-maltemp. Fost l-oħrajn, insibu l-festa ta' Santa Katarina nhar il-25 ta' Novembru u dik tal-Immakulata Kunċizzjoni li huma magħrufa bħala l-istilel tal-maltemp. Festa oħra li hemm min jgħid illi hija stilla tal-maltemp, ironikament hija l-festa ta' Sant'Antnin ta' Padova li tiġi fit-13 ta' Ġunju. Għedt ironikament għax hija stramba li fit-13 ta' Ġunju jagħmel il-maltemp. Hawn min jgħid illi stilla tal-maltemp mhux bilfors hija stilla tax-xita, għax il-maltemp jista' jagħmel anke b'riħ qawwi. Żgur illi għas-sajjieda, riħ qawwi joħloq iktar problemi mix-xita għax minbarra li joħloq skumdità fuq il-baħar jew biex il-laneċ jittrakkaw mal-moll, joħloq anke periklu bil-mewġ kultant għoli. Ir-referenza ta' dawn il-qaddisin mal-maltemp turi li San Ġorġ u l-qaddisin illi semmejna huma sempliċiment qaddisin popolari fit-tradizzjoni?

**San Ġorġ tal-Ward u s-Silla**

Dan huwa proverbju popolari speċjalment f'inħawi fejn il-biedja għadha popolari. Dan jingħad għaliex kull xitla tibda taħseb għall-ward fir-rebbiegħa, bejn wieħed u ieħor fiż-żmien li fih tiġi ċċelebrata l-festa liturġika ta' San Ġorġ. Nafu wkoll illi

*ikompli f'paġna 111*

s-silla li tkun inżergħet f'Marzu, tinħasad għall-ħabta tal-festa liturġika ta' San Ġorġ. Dan il-qawl wassal għall-ħolqien ta' proverbju ieħor *Ix-xita f'San Mark, nar fl-art.* Il-festa ta' San Mark l-Evanġelista, li kien dixxiplu ta' San Pietru, l-ewwel kap viżibbli tal-Knisja, taħbat nhar il-25 t'April, jumejn wara l-festa Ġorġjana. Mela hawnhekk għandna żewġ ħsibijiet kuntrastanti: ċerti bdiewa jieħdu gost bix-xita ta' dan iż-żmien għax issaqqilhom il-prodotti u timlielhom il-bir bl-ilma, imma fl-istess waqt, dawk il-bdiewa li f'dan iż-żmien ikunu bdew jippreparaw biex jaħsdu s-silla, żgur illi x-xita ma tagħmlilhomx ġid. Quddiem dan kollu nerġa' nqajjem il-mistoqsija: għaliex din il-popolarità kollha fit-tradizzjoni ta' pajjiżna madwar il-patrun tagħna?

*San Ġorġ tal-ward u s-silla* ġieli tawluh aktar, kultant anke b'mod ftit ċiniku u bi ftit rivalità mal-Ħamruniżi. Il-fama tal-Qriema hija li huma "irġiel sa nofsinhar"... lill-mara nħobb ngħidilha li raġel aħjar minn mara ġo Ħal Qormi għax għall-inqas biċ-ċertifikat li sa nofsinhar kollox sew. Insomma, ċajt apparti! Tafu iktar minni li ladarba kienu jbakkru biex jaħmu l-ħobż matul il-lejl ħalli filgħodu jkun lest, wara l-ikla ta' nofsinhar, b'dik id-daqsxejn tazza (jew flixkun) inbid, kienu jimteddu ħalli jirkupraw ftit saħħithom għal-lejl ta' ħidma li jkunu jridu jiffaċċjaw. Kien Ġużè Cassar Pullicino fil-ktieb *This Malta* li stqarr li ħareġ dan l-għajdut dwar il-Qriema. Madankollu, l-għannejja kienu jħobbu jkantaw ukoll:

San Ġorġ tal-ward w is-silla,
San Gejtanu tad-dulliegħ.
San Ġorġ dejjem fis-sakra,
u San Gejtanu jidħak bih.

Dan jixhed li n-natura f'San Ġorġ (23 t'April) tagħtina l-ward u s-silla filwaqt illi fi żmien San Gejtanu (7 t'Awwissu) tagħtina d-dulliegħ. Barra minn hekk, il-Qriema, f'din it-taqbila assoċjati ma' San Ġorġ, kienu jkunu dejjem fis-sakra peress li kienu jħobbu dik il-"belgħa" nbid, filwaqt li l-Ħamruniżi ta' San Gejtanu qed jiddieħku bil-Qriema minħabba dan il-fatt. Dan huwa għajdut biss illi jixhed il-popolarità ta' San Ġorġ, din id-darba mlaqqa' wkoll ma' San Gejtanu?

## Tmiem

Hemm iktar element folkloristiku li nixtieq nittratta dwar il-maħbub Ġorġi Tagħna, anke l-importanza ta' Ġorġi Tagħna fil-letteratura... min jaf, forsi jekk Alla jrid is-sena d-dieħla. Intrabatt biss ma' dawn sabiex inkun nista' nitkellem ftit fuq kull wieħed. Qabel nagħlaq, madankollu nixtieq li nipprova nwieġeb xi ftit il-mistoqsijiet illi għamilt matul dan l-artiklu. Il-popolarità tal-qaddis hija kkonfermata minħabba d-devozzjoni li daħlet f'pajjiżna fi Żmien il-Biżantini, u għalhekk ara kemm ilha

*ikompli f'paġna 113*



*Il-Kappella ta' San Ġorġ Megalomartri, Birżebbuġa*

preżenti. Biss, biss, l-eqdem binja Kristjana viċin Għar Dalam f'Birżebbuġa hija l-kappella medjevali ddedikata lil San Ġorġ! Fi Żmien l-Għarab, minkejja li fl-istudju Ġilibertu kien sab 836 familja Musulmana minn 1,119, juri li kien għad fadal komunità ċkejkna ta' Maltin illi baqgħu jipprattikaw it-twemmin Nisrani. B'hekk, aktarx illi San Ġorġ, għalkemm b'mod sottili, baqa' mogħti l-ġieħ u l-qima, aktar u aktar meta l-Musulmani jweġġħu wkoll lil Ġorġi Tagħna. Barra minn hekk, tnejn mill-eqdem parroċċi li ħarġu oħrajn minnhom huma ddedikati lill-Megalomartri tal-Kappadoċja. Nisħaq... ħarġu bosta parroċċi minnhom u mhux huma ħarġu minn parroċċi oħra, u għalhekk huma parroċċi matriċi, bl-ulied ta' parroċċi oħra jridu jiftaħru li b'hekk għandhom demm Ġorġjan ibaqbaq fil-vini tagħhom. Barra minn hekk, lil hinn minn kull polemika li huwa jew kien qaddis u m'għadux, jew kien, tneħħa u reġa' sar, qisu sett purtieri li ddendilhom biss meta jidhirlek - huwa qaddis li kien, għadu u jibqa' relevanti, mhux biss għal min jemmen fil-fidi, imma anke għal min jemmen fl-għaqda bejn l-aħwa: il-Knisja tal-Orjent u tal-Oċċident. San Ġorġ huwa qaddis li fih naraw mezz ta' għaqda. Dawn huma biss ftit mir-raġunijiet għaliex naħseb illi San Ġorġ mhux biss frott il-popolarità li daħal fil-kultura Maltija, imma sforz id-devozzjoni u l-imħabba li għandu f'pajjiżna. Qabel nagħlaq nixtieq il-festa t-tajba lill-Qriema kollha, fosthom lil marti Marouska, illi San Ġorġ huwa l-mimmi t'għajnejha, kif ukoll lil dawk kollha li biħsiebhom jiġu u jgawdu l-festa kbira magħna, festa kbira għax magħmula mill-Ġorġjani b'qalb Ġorġjana. **Viva l-Belt Pinto li qalbha titwaħħad dejjem mal-Patrun tagħha San Ġorġ Martri!**


Referenzi:

www.kappellimaltin.com www.biedjamalta.webs.com www.aboutmalta.com
www.schoolnet.gov.mt www.sangorg.wordpress.com www.sanpietru.wordpress.com
Galea Victor J., *Qwiel u Qaddisin*, Calypso Island Publications, 1999